MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 791/2010

**Joseph Farrugia**

**vs**

**Anthony u Josephine konjugi Lia**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat l-4 t'Awwissu, 2010, li permezz tieghu r-rikorrenti wara li sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi s-sorte, imghaxijiet u spejjez tal-kawza bin-numru tar-rikors 1750/1995 deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-24 t'April, 1996, fl-istess ismijiet kif fuq indikati ghadhom ma gewx imhallsa mill-istess intimati;

2. Illi l-istess sentenza ndikata fil-paragrafu precedenti hi reza ezekuttiva;

Talab:

1. Illi jigi awtorizzat jipprocedi ghall-esekuzzjoni tas-sentenza in dizamina;

2. Suggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li l-qorti jidhrilha opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimat Anthony Lia datata s-6 t'Ottubru, 2010, li sintetikament irrisponda:

1. Illi r-rikors promotur hu irritu u null;

2. Illi r-rikorrenti ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu;

3. Illi l-imghax pretiz ghandu jkun minflok mid-data tas-sentenza odjerna;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tal-intimat Anthony Lia datat it-22 ta' Frar, 2012, li permezz tieghu irtira l-eccezzjoni preliminari tieghu;

Tirrileva li l-intimata Josephine Lia ma ntavolat l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk qieghda fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna hi limitata ghall-fatt li r-rikorrenti Farrugia qed jitlob li jkun awtorizzat jesegwixxi s-sentenza fuq citata datata l-24 t'April, 1996;

Illi ma jirrizultax li s-sentenza ndikata fil-paragrafu precedenti giet appellata – moltu piu` jirrizulta wkoll li effettivament inghatat fuq l-iskorta ta' ammissjoni tal-intimati stess, (ara fol 5), fejn allura, ai fini tal-artikolu 228 (1) tal-Kap 12:

“m’hemmx appell mis-sentenza moghtija fuq ammissjoni tat-talba …”;

Illi ai fini tal-artikolu 253 (a) tal-Kap 12:

“ … is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-gustizzja ta’ Malta”

huma effettivament titoli esekuttivi;

Illi in vista tal-artikolu 258(a) tal-Kap 12 li jistabbilixxi li:

“Wara … l-eghluq ta’ ghaxar snin minn dak inhar li fih skont il-ligi t-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a) … tal-artikolu 253, rigward sentenza … tal-Qrati Superjuri seta` gie esegwit …”

rat effettivament ir-rikorrenti ssodisfa r-rekwiziti hemm stabbiliti permezz tal-gurament ta’ l-istess rikorrenti Joseph Farrugia datat l-14 ta’ Lulju, 2011;

Rat l-istess artikolu 258 tal-Kap 12 u konsegwentement tordna:

1. L-esekuzzjoni tas-sentenza tal-24 t’April, 1996, fuq indikata;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimati Anthony u Josephine konjugi Lia;

3. Bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data tas-sentenza odjerna.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------